**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Gunju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 204/15RGM

Kawza fil-lista: 9

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici tad-9 ta' Settembru 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg flt-tlieta (03) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) fir-registru taz-Zwigijiet il-Belt Valletta bin-numru tac-certifikat 2588/2011.

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal.

Illi l-kontendenti ssepraw nhar is-sittax (16) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) permezz ta' att ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Stefania Spiteri;

Illi effettivament dan iz-zwieg dam biss sentejn (2) ghax fil-fatt l-intimat abbanduna ghal kollox lir-rikorrenti, fl-2013;

Illi b'kollox, qabel ma zzewweg, ir-rikorrenti kienet ilha taf lill-intimat ghal ftit xhur b'kollox billi dawn kienu iltaqghu ghal ftit drabi billi l-intimat kien ta' nazzjonalita' estera;

Illi r-rikorrent u l-intimata kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn imma biss biex l-intimat ta' nazzjonalita' estera ikun jista' jibda' jahdem Malta;

Illi r-rikorrenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewga ma' xulxin;

Illi l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana inter alia ai termini tal-Artikoli 19(1)(f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-kaz ta' l-intimat dan kien eskluda l-possibilita' li jkollu tfal u zzewweg lir-rikorrenta mhux ghax kien jhobbha imma ghax ried jibda jahdem Malta u dan kif ser jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi konsegwentement l-partijiet ma kellhomx tfal minhabba c-cirkostanzi li fihom izzewgu;

Illi fil-fatt dan iz-zwieg ma giex ccelebrat bir-rijt kattoliku flimkien rna' dan civili u dan biex ma jkunx hemm aktar kumplikazzjonijiet;

Illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat inter alia b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19(1)(d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (03) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) it-Belt Valletta huwa null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid il-konvenuta (recte: jghid il-konvenut) ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-tlieta (03) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) il-Belt Valletta huwa null u bla effett u taghti dawk il-prowedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata (recte: intimat)  ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

B’verbal registrat fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2015, l-konvenut assistit mill-Avukat Dottor Noel Bartolo ta’ ruhu notifikat bir-rikors u l-avviz tas-smiegh u l-kawza giet differita ghall-prezentata tar-risposta guramentata, izda ma jirrizultax li din ir-risposta giet ipprezentata;

Fis-seduta tas-6 ta’ April 2016 l-Avukat tal-attrici, pprezenta b’nota l-affidavit tal-attrici, ddikjara li l-affidavit tal-konvenut kellu jigi pprezentat fir-Registru, nghata terminu lill-partijiet ghall-prezentata tal-affidavits u tan-noti ta’ osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghall-lum ghas-sentenza;

IL-PROVI.

L-attrici, Mirielle B pprezentat l-affidavit taghha b’nota tas-6 ta’ April 2016, Fol 14 et seq. Hi ddikjarat li ltaqghet mal-konvenut fit-2009, meta kellha madwar 24 sena, ma kellhiex esperjenza ta’ relazzjonijiet serji u kien zmien difficili ghaliha billi kienu ghadhom kif isseparaw il-genituri taghha. Hi tghid li l-intimat laqghatha billi kellu ilsienu taz-zokkor, kien jikkumplimentha u jixtrilha r-rigali, l-kumpanija tieghu kienet toghgobha  billi kien jnessiha l-problemi tad-dar, pero’ qatt ma kienet thares lejh bhala r-ragel taghha.

Hu kien jahdem fuq bastiment, jaghmel gimgha barra u gurnata f’Malta biex jistrieh, hi tghid li l-konvenut ‘ma seta’ qatt ikollu working permit f’Malta’. Kienu jiggieldu ta’ spiss u fuq kollox, pero’ wara ftit kienu jikkuntatjaw lil xulxin. Tghid li l-karattru tieghu hu stramb u pikuz; kien jigdeb meta kien jghid li kien qed jitkellem ma’ missieru fuq it-telephone meta wara rrizultalha li missieru fil-fatt kien mejjet. Kien jghidilha kontinwament li ma riedx tfal f’hajtu billi ghalih kienu ta’ xkiel u ma setax jiehu hsiebhom. Kellu trobbija difficili billi trabba fil-faqar fir-Rumanija li kien stat komunist, u kien ghalhekk li telaq mid-dar meta’ kien ghadu zghir. Dawn ic-cirkostanzi difficili fit-trobbija incidew fuqu partikolarment, dwar iz-zwieg , il-familja u t-tfal, kien jghid li aktar irrid kelb milli tfal.

Wara xi sentejn li ltaqghu kien qalilha li ddejjaq ibahhar u ried isib xoghol iehor, pero’ f’Malta ma setax jahdem ghax ma kellux work permit.

Tant kien iddejjaq bix-xoghol li kellu li f’Ottubru 2011 qalilha li rrezenja. Bla xoghol pero’ spicca bla flus u bla working permit ma setax jahdem. Marret mieghu sabiex japplika ghal work permit u hemmhekk qalulu li ma seta’ jsir xejn, sakemm ma jkunx mizzewweg ma’ Maltija. L-attrici tghid li hemm twieldet l-idea li biex ma jitlaqx kellhom jizzewgu. L-attrici tghid li ma’ kellha l-ebda hsieb biex tizzewweg u wisq anqas lill-konvenut li ma riedx tfal, li ma kienx stabbli u li ftit kienet tafu. Qabel dik il-gurnata qatt ma kienu tkellmu fuq zwieg. Dakinhar stess iddecidew li jizzewgu u mill-ufficju tal-*expatriates* marru direttament ir-Registru taz-Zwigijiet biex jaraw x’kien hemm bzonn. Hemmhekk talbuhom id-data taz-

zwieg u hi qaltilhom l-aktar wahda vicina possibbli. Ippproponewlhom it-3 ta' Dicembru li kienet ftit gimghat wara. L-attrici tghid li kellha ftit biza' fuqha billi b'din l-ahbar il-genituri taghha u shabha ma kienux ser jiehdu pjacir. Meta kellmet lill-habiba taghha, Lorraine Massa, din irrabbjat ghaliha u qaltilha li l-konvenut ma kienx tajjeb ghaz-zwieg billi ma riedx tfal u ma kienux jafu lill-xulxin bizzejjed. Ma kienx hemm preparazzjoni ghaz-zwieg u Lorraine kienet qaltilha ' ghamel int pero' fi kliemi ser tigi'.

Ommha ukoll qaltila l-istess diskors, u l-attrici tghid li serrhitilha rasha meta qaltilha li ma kienux ser jizzewgu bil-Knisja biex ma jikkumplikawx l-affarjiet. Lill-ommha qaltlha li ma kienx ser ikun hemm tfal minn dan iz-zwieg. L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma kien lest li jaghmel dan il-pass, iz-zwieg kien konsegwenza diretta tal-bzonn li jgib working permit. Billi ma riedx tfal il-konvenut kien juza kontracettivi fl-intimita' tal-parijiet.

L-attrici xhedet illi z-zwieg taghhom kien karatterizzat minn glied, argumenti u xenati serji. Kien jiggieled maghha quddiem in-nies u jitlaq, kien hemm okkazzjonijiet meta abbanduna d-dar u ommha marret tfittitxu. Hi tghid li hajjihom kienet 90% glied u 10% fil-paci. Izzewgu f'Dicembru 2011, ghamlu biss sena flimkien, 2012 u fit-2013 ma baqghux jikkoabitaw. F'dik l-istess sena l-konvenut mar l-Istati Uniti biex jibda hajja gdida hemm. Din kienet it-tielet darba li pprova jerga jibda mill-gdid. Pero' kif kien gara qabel dan ma rrnexxhiex u kellu jirritorna Malta.

L-attrici tghid li z-zwieg hu null ghal diversi ragunijiet, l-ewwel nett ghax ma riedx tfal, kif ukoll li kienu ddecidew li jizzewgu wara dak li kienu qalulhom fl-ufficcju tal-Affarjiet Barranin tal-Gvern. Huma qabel qatt ma kienu kkunsidraw li jizzewgu u ma kienux ippreparati ghal dan il-pass. Illum li ghadda iz-zmien l-attrici tiddikjara li kien jkun ahjar li kieku baqghu biss hbieb u ma zzewgux.

Lorraine Massa, fl-affidavit taghha mahluf fit-13 ta' April 2016, Fol 20 et seq, tiddikjara li ilha taf lill-attrici xi sittax-il sena, u billi hi akbar minnha fl-eta' kienet thossha obbligata li ' tkun hemm ghalija f'kollox'. Iltaqghet l-ewwel darba mal-konvenut fit-2009 meta kienet mal-attrici. L-ewwel impressjoni li hadet kienet li hu kien cajtier u divertenti, pero' kien jinkwetha l-fatt li kien barrani billi ma setghu jkunu jafu xejn fuqu. Hi kkonfermat li l-intimat kien jahdem fuq il-bahar u ftit li xejn kienu jiltaqghu, pero' meta kien jkun Malta ghall-mistrieh kien jixtrilha r-rigali. L-attrici kienet tapprezza il-hbiberija tieghu pero' qatt ma kienet tarah bhala zewgha, ghax fil-verita' ma tantx kienet tafu.

Ikkonfermat li l-partijiet kien jkollhom hafna argumenti, u li kien jigdeb maghha. Kienet semghet lill-konvenut jghid li ma riedx tfal u li l-attrici ma kinitx tajba ghat-tfal billi kienet tahdem hinijiet twal. Hi kienet tghidilha lill-attrici li l-

konvenut ma kienx adattat ghaliha, anke mill-mod kif kien jitkellem fuqha u certa idejat li kellu. Meta l-konvenut xtaq jieqaf mix-xoghol fuq il-bahar kient staqsiet lill-attrici x'kien bi hsiebu jaghmel. L-attrici qaltilha li xtaq jiftah xi negozju izda la kellu flus u lanqas work permit, u ghalhekk kien hemm il-possibilita' li jirritorna f'pajjizu. L-attrici ma xtaqietux dan u lanqas il-konvenut 'ghax hawn kien sab id-dinja'. Wara li rrizenja mix-xoghol, u indagaw x'seta' jsir biex jahdem Malta, l-attrici kienet qaltilha li ma kienx hemm ghazla ohra hlief li jizzewwgu ghalkemm it-tnejn li huma qatt ma kellhom dan il-hsieb. Ix-xhud meta saret taf bid-decizjoni tal-attrici ppruvat tikkonvinciha li kienet ser taghmel zball u li l-konvenut ma' kienx tajjeb ghaliha billi la ried tfal u l-anqas kienu jafu lil xulxin bizzejjed. Ipprovat tikkonvinciha diversi drabi u anke fil-gurnata taz-zwieg kienet staqsitha kinitx certa minn dak li kienet qed taghmel u l-attrici rrispondietha " hekk hemm bzonn" u x-xhud qaltilha "ghamel int fi kliemi ser tigi".

Il-hajja mizzewga taghhom kienet wahda ta' glied u argumenti li biz-zmien bdew jaggravaw. L-attrici kienet tibqa' x-xoghol biex tevita l-konfrontazzjonijiet mieghu. Tant s-sitwazzjoni eskalat u saret impossibbli li l-attrici kellha titlaq mid-dar u wara sena bdew il-proceduri ta' separazjoni.

Margaret B Fonde', omm l-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 23, tiddikjara li l-ewwel darba li ltaqghet mal-konvenut kien fit-2010. Il-fatt li kien mir-Rumanija kienet digja' xi haga li ma ghogbithiex. Kienet taf li bintha kellha karattru maghluq u tista' tigi mpressjonata. Kienet indunat li ma kienux jaqblu billi kienu dejjem jiggieldu, u meta kienet tkellem lill-attrici din kienet tghidilha li ma kinitx ser tizzewgu. Kienet haditha bi kbira meta bintha qaltilha li ser tizzewgu ghax spicca bla xoghol. Ippruvat tghidilha li kienu jiggieldu wisq u li kienet ser taghmel pass mghaggel wisq. Fakkritha kemm-il darba li dan ma riedx tfal, u dan il-pass mghaggel kienu qed jiehduh biex jkollu work permit. Mid-dipartiment stess kienu qalulhom li l-ahjar soluzzjoni biex jkollu work permit kienet li jizzewgu, u dak il-hin stess marru ir-Registru taz-Zwiegijiet u ghazlu d-data taz-zwieg. L-attrici kienet serrhietilha rasha u assiguratha li ma kienx ser jkun hemm tfal biex ma jikkomplikawx l-affarjiet.

Tghid li bintha malajr indunat li ma tistax tghix ma' xi hadd li jtajjar il-hin kollu.

Meta kienu jiggieldu hi kienet tipprova tirranghom, u l-konvent kien jghidilha dwar l-attrici li "kien jitqazzez jersaq lejha" u kien jwahhal fl-allergiji li kellha.

Wara sena, l-attrici, tant ma felhietx tissopporti, li telqet mid-dar u marret tghix ghar-rasha. L-konvenut mar fl-Istati Uniti, pero' rega' gie lura u sseparaw.

Ix-xhud iddikjarat, li qatt ma kienu hasbu fiz-zwieg qabel, ma kienux ippreparati, l-konvenut ma riedx tfal u ddecidew li jizzewgu wara li kienu marru id-Dipartiment u staqsew dwar il-work permit ghall-konvenut.

C D, il-konvenut, fl-affidavit tieghu mahluf fid-29 ta' Marzu 2015 Fol 25, ddikjara li twieled fir-Rumanija u ta' 22 sena telaq minn pajjizu biex jibda hajja band'ohra. Izzewweg lill-attrici fit-3 ta' Dicembru 2011 u ma kellhomx tfal. Ghamel 5 snin jahdem fuq il-bahar, xoghol impenjattiv li kien jirrikjedi li tghix tista' tghid il-hin kollu fuq vapur. Kien ghalhekk li ried ibiddel l-impieg u jibda jahdem f'Malta permanentement.

Ikkonferma li meta marru l-ufficju tal-expatriates il-Belt gew infurmati li l-aktar mod mghaggel kien li jizzewweg u l-work permit johrog immedjatament. Kien ghalhekk li ddecidew li jizzewgu biex hu jottjeni il-work permit u jkun jista' jibqa' jahdem f'Malta liberament. Qabel iz-zwieg kien jiltaqa' mal-attrici gurnata wahda fil-gimgha u ghalhekk lanqas biss kien jafha sew qabel izzewgu.

Il-konvenut ikkonferma li peress li kienu ftehmu li kienu ser jizzewgu minhabba l-fatt li ried jibdel l-impieg li kellu u jibda jahdem f'Malta, biex ma jkollhomx aktar komplikazzjonijiet qablu li ma jkollhomx tfal. Iddikjara li fir-relazzjonijiet intimi dejjem intuzat il-protezzjoni biex jigi evitat ir-riskju ta' tqala.

Jinsisti li kien ghamilha cara mal-attrici u mal-familjari u hbieb taghha, li kien jippreferixxi li jiehu hsieb kelb milli jkollu tfal minn dan iz-zwieg u jghid li l-attrici qabblet dwar dan.

Iddecidew li jizzewgu, u dan ghamluh fi zmien tlett gimghat. Wara sab impieg f'Malta, bdew jiggieldu regolarment tant li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-anqas kienu jikkoabitaw. Kien hemm okkazzjoni meta l-attrici telqet mid-dar ghal xahrejn shah, u f'anqas minn sena kien sar ovvju li ma setghux jikkoabitaw. Wara sena u nofs miz-zwieg iddecieda li jitlaq lill-attrici u siefer minn Malta. Iz-zwieg taghhom kien ikkaratterizzat minn glied u argumenti kontinwi. L-ahjar decizzjoni li kienu hadu kienet li qablu li ma jkollhomx tfal, altrimenti l-problemi taghhom kienu jkunu ferm akbar. Iddikjara li hu illum jghix hajtu, li qatt ma jiltaqa' mal-attrici li ukoll illum qed tghix hajja gdida ma' sieheb gdid, u li kellhom tarbija.

Ikkunsidrat;

KONSIDERAZZJONIJIET.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jinhtieg is-salvagwardi necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi

sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991:

" F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' xi kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u il-Qorti ma tistax thalli n-nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fiz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-deskrizzjoni u jsiru mature. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubbju."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** " deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' jannar 2006 intqal hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

Similment gie dikjarat fil-kawza fl-ismijiet " **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987:

" Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett...... Ghall-Qorti n-nullita' hi haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."

**KUNSENS FIZ-ZWIEG.**

Dwar il-validita' tal-kunsens moghti, fil-kawza fl-ismijiet " **Lawrence Attard vs George Attard"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2011 gie dikjarat li:

“Il-kapacita’ hija r-regola; l-inkapacita’ l-eccezzjoni.......Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x’inhu jaghmel”.

**L-kawza qed issir ai termini tal-Artikolu 19 1 (d) u (f) tal-Kap 255.**

**L-Inkompatibilita’ bejn l-Art 19 (1) (d) u l-Art (1) (f)**

Gie diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, li kawza dwar annullament taz-zwieg imsejsa fuq is-subincis 1(f) kif ukoll fuq is-subincis 1(d) tikkontjeni talbiet kontradittorji, ghalkemm tali kontradizzjoni ma twassalx ghan-nullita’ tal-att.

Fil-kawza fl-ismijiet “**Kenneth Cefai vs Louise Cefai**” deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Novembru 2011 ntqal:

“ Ghar-rigward tal-kompatibilita’ tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirrabadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax teknikament treggi.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Baldacchino vs Duan**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Dicembru 2010 ntqal hekk:

“ It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage”.

L-istess jinghad fis-sentenza “ **Zammit vs Zammit**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Jannar 2006 u s-sentenza “**Arqueros vs Arqueros Moreno**” deciza fit-30 ta’ Lulju 2010.

Dan il-kontradittorju fil-premessi u t-talbiet tal-attur immankabilment idghajfu a priori l-azzjoni attrici ghaliex donnu l-istess attur li inizzja dan il-process gudizzjarju bhal dannu ma hux cert fuq liema binarju qed isejjes il-kawza minnu promossa.

**<u>Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju - Gurisprudenza.</u>**

**Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255**.

***Zwieg ikun null jekk il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom; jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.***

Gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Dwar il-kawzali skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

> *Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*

Fil-kawza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla talQorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

> *Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Simon Cusens vs Romina Cusens**' (citaz nru 140/10RGM) moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

"In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili **Josette Spiteri v. George Spiteri** [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla **Selina Maria Vella Haber v. Joseph Gatt** – 15.4.1996]. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm **l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku]** (emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." **[Bersini** - citat fil-kawza Prim'Awla **Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri** deciza 4.11.1994].

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda talanqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla **Melanie Borg Cardona v. Joseph Borg** deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg**, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].

L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una

conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" [**Pompedda** – ***Il Consenso Matrimoniale***, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra]. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [***Il Diritto Canonico Matrimoniale*** – **Bersini;** citat fil-kawza Appell Civili **Raymond Theuma v. Carmen Theuma** deciza 27 ta' Jannar 2006].

Applikata l-gurisprudenza appena citata ghall-fatti specie tal-kaz in ezami l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Il-partijiet qabblu li ma tantx kienu saru jafu lil xulxin, jew ahjar lanqas kellhom l-opportunita' li jsiru jafu lil xulxin sew, billi l-konvenut kien jahdem fuq il-bahar jaghmel gimgha xoghol barra minn Malta u kull gimgha kellu gurnata wahda mistrieh, kien jigi Malta u kien jiltaqa' mal-attrici. Kemm l-attrici, kif ukoll il-habiba taghha, Lorraine Massa, dak iz-zmien kienu jarawh bhala bniedem kumplimentuz, kien jixtri r-rigali lill-attrici, kien kumpanija tajba u kellu kelma taz-zokkor.

Il-fatt li ma kellhomx gherusija twila, fejn kien certament ikollhom l-opportunita' li jsiru jafu lil xulxin ahjar, ma jfissirx l-volonta' libera taghhom kienet imxekkla minn xi "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" kontemplat fil-ligi. Jista' veru jinghad li l-partijiet ghagglu wisq fid-decizzjoni li jizzewgu, u f'dak is-sens urew certa immaturita', u kif irrizultalhom wara, kienu ghamlu decizjoni zbaljata. Izda kif jghidu s-sentenzi hawn fuq citati "la decizjoni sbaljata u l-anqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il " caput nullitatis". Sabiex kawza ta' annullament tirnexxi taht dan il-kaput nullitatis tad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jehtieg li jigi sodisfacentement ippruvat illi xi hadd mill-partijiet kien kolpit minn kondizzjoni quasi-patologika li irrendiet lil parti hekk kopita milli tkun f'posizzjoni li tezercita rieda hielsa fid-decizzjoni tieghu jew taghha. Fi kliem il-ligi, jehtieg li jkun hemm mhux biss difett fil-libera xelta ta' parti li tizzewweg izda tali difett jehtieg li jkun "serju". Tant irid ikun serju tali difett li wiehed jikkonsidra illi l-

istat li kien jinstab fih il-parti xekkel serjament il-volonta' li wiehed jaghti kunsens validu ghaz-zwieg.

Fil-fehma tal-Qorti dan id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fit-termini tal-ligi f'dan il-kaz ma rrizultax. Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi l-kawzali imsejsa fuq l-Artikolu 19 1 (d) ma gietx soddisfacentement ippruvata.

**Ezkluzzjoni Pozittiva taz-Zwieg Innifsu - Gurisprudenza.**

**Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255**.

***Zwieg ikun null jekk il-kunsens ikun vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg.***

Sabiex zwieg jigi dikjarat null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) jehtieg li ssir il-prova li xi hadd mill-partijiet, fil-mument li qed jigi celebrat iz-zwieg kien qieghed intenzjonalment jeskludi li ser jagixxi bhala parti fiz-zwieg bl-obbligu u r-responsabbiltajiet li z-zwieg igib mieghu. Il-kaz klassiku ta' vizzju ta' kunsens huwa meta xi hadd mill-partijiet jersaq ghal zwieg ta' konvenzjenza. Fi kliem iehor xi hadd mill-partijiet ikun hati ta' simulazzjoni.

Dwar is-simulazzjoni issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Lydia Musu' vs Dr Ian Spiteri Bailiey et** li rreferit ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**" deciza fl-10 ta' Ottubru 1995 u "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" deciza fis-16 ta' Jannar 1998 fejn il-Qorti kkummentat hekk;

".....meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa Malta biex jahdem u eventwament jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' intenzjoni, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta ukoll implicitament...... Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghal ghoti tal-kunsens matrimonjali u tinterprethom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tasal imqar sal-grad ta'probabbilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Al Chahid vs Mary Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 ntqal li:

“ wiehed jinnota li taht l-Artikolu 19 1 (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta il-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.”

Fil-kaz in ezami rrizulta mill-provi, li l-konvenut kellu impieg skomdu li jirrikjedi sagrificji konsiderevoli, twieled ir-Rumanija u ghalhekk biex jahdem Malta kellu bzonn work permit, u meta mar jivverifika fl-Expatriates Division biex jirregolarizza il-posizzjoni tieghu gie infumat minn ufficjali li kien difficli li jinghata permess biex jahdem u li fl-eventwalita’ li jizzewweg mara Maltija, il-permess johrog f’qasir zmien.

Irrizulta in oltre, li dakinhar stess minn hemm baqghu sejrin dritt ghand ir-Registru taz-Zwiegijiet, iffissaw gurnata ghaz-zwieg dik n-nhar stess, gurnata li kienet biss tlett gimghat ‘il boghod.

Il-Qorti temmen ix-xhieda li taw il-partijiet illi qabel dakinhar li marru fid-dipartiment governattiv jistaqsu fuq il-work permit, ma kienux ghadhom hasbu jew tkellmu fuq zwieg. Huwa evidenti illi l-ewwel darba li l-partijiet tkellmu fuq il-possibilta’ li jizzewgu kienet meta l-ufficjali fid-dipartiment tal-expatriates informwhom illi minghajr ma jkun mizzewweg Maltija ftit kien hemm possibilita’ li l-konvenut jinghata work permit mill-awtoritajiet Maltin. Jirrizulta wkoll illi appena inghataw dik l-informazzjoni it-tnejn iddecidew li jizzewgu sabiex il-konvenut ikollu l-opportunita’ japplika ghall-permess tax-xoghol gewwa Malta.

Dawn ic-cirkostanzi partikolari ma jhallu l-ebda dubbju li ghall-konvenut dan kien zwieg ta’ konvenjenza, u d-decizjoni li jizzewweg kienet motivata esklusivament mill-fatt li iddejjaq mill-impieg li kellu fuq il-bahar u xtaq li jkollu impieg regolari f’Malta. Skond is-sentenzi hawn fuq citati dan il-komportament jammonta ghall-simulazzjoni totali li jivvizzja il-kunsens moghti fiz-zwieg.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentment illi kien hemm simulazzjoni da parti tal-konvenut fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg fis-sens illi ghalih dan ma kien xejn aktar minn zwieg ta’ konvenjenza bl-iskop li jkun jista’ jibqa’ jghix u jahdem hawn Malta.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici, tiddikjara z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta’ Dicembru 2011

bhala null u bla effett fil-ligi billi il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19 1 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**